LOURDES

& THE FRENCH PYRENEES

Vjaġġ ta’ fidi u ġmiel f’Lourdes, flimkien max-xenarji spettakolari tal-Pirinej Franċiżi u l-belt eleganti ta’ Toulouse.

GRUPP A
14 - 18 ta’ April

GRUPP B
12 - 16 ta’ Mejju

GRUPP C
16 - 20 ta’ Ġunju



L-Erbgħa - Lourdes

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta fil-11.55 għat-titjira diretta tal-Malta Air FR9246 lejn Lourdes, li titlaq fis-13.55. Naslu fis-16.25 u wara li niġbru l-bagalji, nitilqu bil-kowċ lejn il-Hotel Saint Sauveur, li jinsab qrib il-Bażilika. Mal-wasla tagħna ssir is-sistemazzjoni tal-kmamar u wara jkollna ċena fil-hotel. Filgħaxija nieħdu sehem fil-purċissjoni Aux Flambeaux, fejn nimxu bix-xemgħa mixgħula waqt li jingħad ir-rużarju.

Il-Ħamis - Lourdes u l-Għerien ta’ Bétharram

Wara buffet breakfast, ikollna city walking tour ta’ Lourdes biex inżuru postijiet marbuta mal-ħajja ta’ Santa Bernadette. Fosthom naraw il-Moulin de Boly, fejn twieldet u għexet l-ewwel snin ta’ ħajjitha, il-Cachot u l-knisja parrokkjali ddedikata lill-Qalb ta’ Ġesù. Ikla ta’ nofsinhar fil-hotel. Wara nitilqu għal eskursjoni lejn l-Għerien ta’ Bétharram **(entratura mhux inkluża)**, fejn niskopru formazzjonijiet tal-blat, passaġġi u galleriji fuq diversi livelli. Nirritornaw lejn il-hotel għaċ-ċena.

LOURDES & THE FRENCH PYRENEES

Il-Ġimgħa - Toulouse

Wara buffet breakfast, nitilqu għal eskursjoni ta' ġurnata sħiħa lejn Toulouse, magħrufa bħala l-"Pink City". Ikollna city tour biex niskopru ċ-ċentru storiku u naraw il-monumenti u l-postijiet ewlenin tal-belt. Ingawdu mixja tul ix-xmara Garonne, naraw il-Pont Saint-Pierre u l-veduta tal-koppla ta' La Grave. Ikollna wkoll ħin liberu għall-ikla ta' nofsinhar **(mhux inkluża)** u biex induru t-toroq u l-ħwienet taċ-ċentru. Nirritornaw lejn Lourdes għaċ-ċena fil-hotel.

Is-Sibt - Il-Grotta ta' Massabielle u Pont d'Espagne

Wara buffet breakfast, ikollna ħin għall-quddiesa u nżuru l-Grotta ta' Massabielle, fejn il-Madonna dehret lil Santa Bernadette. Nagħmlu wkoll il-Via Sagra. Ikla ta' nofsinhar fil-hotel u wara nitilqu għal eskursjoni lejn Pont d'Espagne, wieħed mill-isbaħ postijiet fil-Pirinej Franċiżi. Hawnhekk ingawdu natura mill-isbaħ, foresti ħodor, xmajjar ċari u kaskati.

Il-Ħadd - Gavarnie

Wara buffet breakfast, nagħmlu check-out mill-kmamar u nitilqu bil-kowċ, bil-bagalji magħna, lejn Gavarnie. Matul il-vjaġġ ingawdu x-xenarji mill-isbaħ tal-Pirinej Franċiżi. Mal-wasla jkollna ħin għal mixja fir-raħal u biex nammiraw il-veduti tal-muntanji. Wara nkomplu lejn l-ajruport ta' Lourdes għat-titjira diretta tal-Malta Air lejn Malta, li titlaq fis-18.10 u twassalna lura fis-20.35.





PREZZ KULL PERSUNA

Eskursjonijiet, Half Board u Taxxi Inklużi

	Prezz Skontat
Kamra ta' tliet persuni	**€855**
Kamra ta' żewġ persuni	**€855**
Kamra ta' persuna waħedha	**€990**
Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti	**€790**

Il-prezz jinkludi:
Titjiriet diretti mal-Malta Air
Bagalja ta' 20kg u basket żgħir taħt is-seat
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
4 iljieli fil-Hotel Saint Sauveur 3*+
Buffet breakfast kuljum
Ċena kuljum + 2 ikliet ta' nofsinhar
Taxxi tal-ajruport · Tour leader
Insolvency Fund Protection

Il-prezz ma jinkludix:
City tax
Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains eċċ.

NOTA: Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.